

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1142/2011

tal-10 ta' Novembru 2011

li jstabbilixxi l-Annessi X u XI ta' mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 73(1) u (2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ⁽³⁾.

Billi:

- (1) L-Anness X ta' mar-Regolament (KE) Nru 4/2009 jelenka l-awtoritajiet amministrattivi msemmijin fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit innotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet amministrattivi li jridu jitniżżlu fl-Anness X ta' mar-Regolament (KE) Nru 4/2009.
- (3) L-awtoritajiet amministrattivi li nnotifikaw il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit u li huma mniżżlin fl-Anness I jissodisfaw ir-rekwiżiti ddikjarati fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 4/2009.
- (4) L-Anness XI ta' mar-Regolament (KE) Nru 4/2009 jelenka l-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 47(3) ta' dak ir-Regolament.

(5) Il-Finlandja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar awtorità kompetenti li trid titniżżel fl-Anness XI ta' mar-Regolament (KE) Nru 4/2009.

(6) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament (KE) Nru 4/2009 u għalhekk qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(7) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka li hu anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka m'hix tipparteċipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u m'hix marbuta bl-applikazzjoni tiegħu jew suġġetta għalih, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li d-Danimarka timplimenta l-kontenut tiegħu skont il-Ftehim tad-19 ta' Ottubru 2005 bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar ġurisdizzjoni u rikonnoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ⁽⁴⁾.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat rigward il-liġi applikabbli, il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni rigward kwistjonijiet matrimonjali, ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment.

(9) Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti l-Annessi X u XI ta' mar-Regolament (KE) Nru 4/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-test tal-Annessi X u XI ta' mar-Regolament (KE) Nru 4/2009 huwa ppreżentat fl-Annessi I u II ta' ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19 Volum 06 p. 243 - 271.

⁽³⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

⁽⁴⁾ ĠU L 173M, 27.6.2006, p. 128-136.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX I

“ANNEX X

L-awtoritajiet amministrattivi msemmijin fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 huma dawn li ġejjin:

- il-Finlandja, il-Bord tal-Assistenza Soċjali (“Sosiaalilautakunta/Socialnämnd”),
- fl-Isvezja, l-Awtorità tal-Infurzar (“Kronofogdemyndigheten”),
- fir-Renju Unit:
 - (a) fl-Ingilterra u Wejls u fl-Iskozja, il-Kummissjoni tal-Manteniment tat-Tfal u tal-Infurzar (iċ-Child Maintenance and Enforcement Commission, CMEC),
 - (b) fl-Irlanda ta' Fuq, id-Dipartiment tal-Irlanda ta' Fuq għall-Iżvilupp Soċjali (id-Department for Social Development Northern Ireland, DSDNI).”

ANNEX II

“ANNEX XI

L-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament (KE) Nru 4/2009 huma dawn li ġejjin:

- il-Finlandja, l-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali (“Oikeusaputoimisto/Rättshjälpsbyrå”).”
-